**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 22 ta' Frar, 2017**

Kawza Numru: 400/2016JB

Numru: 7

**Smarthomes Limited (C35565)**

***vs***

**Oun Nisrin Mohamed (K.I.: 139411A)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-26 ta' Settembru 2016 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tlett elef euro (€3000) rapprezentanti l-prezz ta' ghamara, *appliances*, u oggetti ohra mibjugha minnha lill-istess Konvenuta. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 586/2016, u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2016 (a fol 4);

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti (a fol 12, 13, u 16), il-Konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment u lanqas ma dehret ghas-smigh;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta*

*waħda*”. Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b’mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta’ Attrici irnexxielha tipprova t-talba fil-waqt li l-Konvenuta ma ressqet ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-Konvenuta thallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta’ €3000 bl-imghax mit-22 ta’ April 2016, data tan-notifika tal-ittra ufficcjali numru 586/2016. Spejjez a karigu tal-Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*